# Manwal ta' Użu biex tissottometti Applikazzjoni ta' Tnaqqis Gradwalment għal Persuna li Tiżżewweġ jew li tidħol f'Unjoni Ċivili / Koabitazzjoni

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

SIGURTÀ SOĊJALI

Dan il-manwal ġie mfassal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jgħinek tissottometti applikazzjoni għal Tnaqqis Gradwalment għal Persuna li Tiżżewweġ jew li tidħol f'Unjoni Ċivili b'mod korrett u komplet.

Nota: Dan il-manwal ġie miktub għal skop ta' informazzjoni u m'għandux saħħa legali.

## Għal aktar informazzjoni

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
38, Triq l-Ordinanza
Valletta VLT 1021

*Freephone* 153

social.security@gov.mt

www.socialsecurity.gov.mt

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali juża l-informazzjoni provduta sabiex jipproċessa l-applikazzjoni. Nistgħu niċċekjaw l-informazzjoni provduta minnek jew informazzjoni dwarek provduta minn terzi persuni ma' informazzjoni oħra miżmuma għandna. Aħna marbutin li ma nikxfux informazzjoni dwarek lil persuni jew organizzazzjonijiet barra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sakemm dan ma jkunx permess mill-liġi. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jitratta l-informazzjoni personali tiegħek skont l-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440.) sabiex jipproteġi l-privatezza tiegħek.

## Istruzzjonijiet Ġenerali

Qabel tibda timla l-applikazzjoni, aċċerta ruħek li jkollok is-segwenti dokument komplut

1) Formola tad-Dikjarazzjoni Iffirmata: Din il-formola tista' titniżżel fil-forma ta' pdf u hi aċċessibbli permezz ta' link fin-naħa xellugija ta' fuq tal-applikazzjoni, taħt 'DOKUMENTI RELATATI'. Din il-formola trid tiġi pprintjata, tiġi kompluta u wara tkun tista' tittella' onlajn.

Sabiex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jeħtieġ li timla l-oqsma bid-dettalji mitluba. L-oqsma mandatorji jkunu mmarkati bi stilla ħamra (*). Hemm erba' (4) tipi ta' oqsma li huma spjegati f'paġna 4. Id-dettalji mitluba huma elenkati f'paġna 5.

Ġaladarba d-dettalji mitluba kollha jkunu ġew mimlija, jeħtieġ li tissottometti l-applikazzjoni billi tagħfas fuq il-buttuna 'IBGĦAT', fuq in-naħa ta' isfel tal-paġna.

## Tipi ta' Oqsma

| Tip ta' Qasam | Kif jidher | Kif iddaħħal id-Data | Kif tħassar id-Data |
|---|---|---|---|
| Data |  | Ikklikkja fuq il-kaxxa u ikteb id-data. Id-data jeħtieġ li tkun fil-format ĠĠ/XX/SSSS (eż. 23/12/1986) | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) li tinsab fuq nett fuq il-lemin sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna *Backspace* jew *Delete* fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ. |
| Fajl | Fil-Google Chrome:<br><br>Fl-Internet Explorer:<br> | Ikklikkja darba fuq il-buttuna. Kaxxa ta' djalogu tidher li tippermettilek tfittex il-fajl. Meta ssibu, ikklikkja darbtejn fuqu (jew ikklikkja darba fuq il-fajl u kompli billi tikklikkja fuq 'Open'). Il-kaxxa ta' djalogu tingħalaq u l-isem tal-fajl imtella' jiġi jidher maġenb il-buttuna. | Fil-Google Chrome: Ikklikkja darba fuq il-buttuna. Kaxxa ta' djalogu tidher. Agħfas il-buttuna 'Esc' tat-tastiera (jew ikklikkja fuq il-buttuna 'Cancel').<br><br>Fl-Internet Explorer: Mexxi l-maws sabiex tagħżel il-kliem li jidentifika l-isem tal-fajl u agħfas *Backspace* jew *Delete* fuq it-tastiera. Tinduna li l-isem tal-fajl ma jidhirx aktar ħdejn il-buttuna msejħa 'Choose File'. |
| Kaxxa tan-Numri |  | Agħfas fuq il-kaxxa u ikteb. Numri biss huma aċċettati. | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) li tinsab fuq nett fuq il-lemin sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna *Backspace/Delete* fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ. |
| Kaxxa tal-Kliem |  | Agħfas fuq il-kaxxa u ikteb fiha. | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna *Backspace* jew *Delete* fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ. |

## Dettalji Mitluba

| | Nru tal-Qasam | Isem tal-Qasam | Tip tal-Qasam | Mandatorju? |
|---|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni tal-Benefiċjarju** | 1 | Isem | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 2 | Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 3 | Nru. tal-Karta tal-Identità | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 4 | Imejl | Kaxxa tal-Kliem | Le |
| | 5 | Data taż-Żwieġ / Unjoni Ċivili / Koabitazzjoni (ĠĠ/XX/SSSS) | Data | Iva |
| **Dettalji tal-Persuna li Żżewwiġt jew li dħalt magħha f'Unjoni Ċivili / Koabitazzjoni** | 6 | Isem | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 7 | Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 8 | Nru. tal-Karta tal-Identità | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 9 | Imejl | Kaxxa tal-Kliem | Le |
| | 10 | Paga fil-Ġimgħa € | Kaxxa tan-Numri | Iva, f'każ ta' persuna impjegata |
| | 11 | Nru. tal-VAT | Kaxxa tal-Kliem | Iva, f'każ ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha (*Self-Occupied*) |
| **Dettalji tal-Bank** | 12 | Bank | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 13 | IBAN | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 14 | Daħħal in-Numru tal-Mowbajl għal notifika ta' SMS rigward il-pagament | Kaxxa tan-Numri | Le |
| **Dokumenti Neċessarji** | 15 | Formola ta' Dikjarazzjoni Iffirmata | Fajl | Iva |